MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 231/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Emanuel Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Borg talli fit-28 ta’ Lulju, 2003 ghall-habta tat-3.30pm f’ Misrah Narbona, Qormi

1 bhala bejjiegh fit-toroq permezz tal-van Nru KAA739 nizzel kannestri bil-haxix fit-triq;
2 ipparkja l-vettura tieghu NRU KAA739 li minnha kien qieghed ibiegh f’ distanza ta’ inqas minn 50 metru minn dhul ghal xi post kummercjali;
3 ipparkja l-imsemmija vettura f’ distanza ta’ inqas minn 75 metru minn bejjiegh tat-triq iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Novembru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Borg hati biss tal-ewwel akkuza u kkundannatu ammonizzjoni u riprensjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fil-25 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fl-imputat skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal ammonizzjoni u riprensjoni, tirrevokaha fil-bqija u, minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija wkoll tal-istess appellat fit-tieni u tielet imputazzjonijiet u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet it-trattazzjoni ta' l-avukat prosekutur u ta' l-avukat difensur;

Ikkunsidrat:-

L-aggravju ta' l-Avukat Generali jikkonsisti filli l-ewwel Qorti erronejament enuncjat disposizzjoni tal-ligi, u specifikatament ir-regolament numru 30 ta' l-Avviz Legali numru 102 tas-sena 2002, fis-sens li jkun hemm ksur ta' l-imsemmi regolament biss jekk jigi ppruvat li l-ksur tad-distanza jkun fir-rigward ta' xi hanut kummercjali jew bejjiegh iehor li jkun qed ibiegh l-istess tip u xorta ta' oggetti u merkanzija. Skond l-appellant dan mhux minnu u johrog car mid-dicitura tar-regolament 30(1)(c) u (e) ta' l-Avviz Legali fuq citat, u cioe` li l-legislatur ried l-osservanza stretta tad-distanzi preskritti bejn kwalunwke tip ta' stabiliment kummercjali jew bejjiegh fit-toroq u li b'ebda mod ma ried li l-attivita` kummercjali ghandha tkun tal-istess genere jew xorta bhal dik ta' min ma jkunx qed josserva d-distanzi regolamentari.

Mix-xiehda ta' P.S. 585 J. Bayliss li tinsab traskritta fl-atti tal-process jirrizulta li fit-28 ta' Lulju 2003 wara nofsinhar, l-appellat u xi *hawkers* ohrajn kienu armati f'Misrah Narbona, f'Hal-Qormi. Dawn il-bejjiegha kienu inqas minn

hamsin metru minn xulxin u inqas minn hamsin metru wkoll mill-hwienet. L-istess P.S. 585 xehed li ma kienx hemm ilmenti dwar dan il-fatt, la minghand il-bejjiegha nnifishom u lanqas minghand tal-hwienet li l-generu taghhom ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li kien qed ibiegh l-appellat.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li hija kienet "tal-fehma illi l-Artikolu (*sic!*) citat fic-citazzjoni jrid jiftiehem bis-sens u cioe` illi m'ghandux ikun hemm kompetizzjoni bejn hanut illi jiehu l-isbriegu (*sic!*) li jhallas tal-post, ihallas dawl u ilma u ghal manutenzjoni tal-hanut biex imbaghad ikollu kompetizzjoni ta' bejjiegh iehor illi jigi bit-trakk tieghu".

Izda r-regolament 30 ta' l-Avviz Legali numru 102 tas-sena 2002 jiddisponi ben altru. Il-kliem testwali tal-ligi huwa dan:

**"(1) Bejjiegh fit-toroq jista' jiggestixxi l-attivita` kummercjali tieghu minn kull imkien f'kull triq jew billi jbiegh bl-imnut fit-triq jew billi jipparkja l-vettura tieghu, bla hsara ghal dawn il-kondizzjonijiet li gejjin:-**
**….**

**(c) li l-post fejn jipparkja l-vettura tieghu ma jkunx f'distanza li timxiha ta' 50 metru mid-dhul <u>ghal xi post kummercjali</u>** (sottolinear tal-Qorti)
**….**

**(e) li l-bejjiegha fit-toroq jipparkjaw il-vetturi taghhom f'distanza li timxiha ta' mill-anqas 75 metru 'l boghod <u>minn xulxin</u>** (sottolinear tal-Qorti)**."**

Kif diga` gie deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christoper Schembri** fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Frar 2004:

**"mill-istezura ta' dan ir-regolament jidher car u manifest li l-legislatur ma ghamel l-ebda distinzjoni bejn vicinanza ma' bejjiegha ohra jew hwienet li jkollhom l-istess generu ta' negozju u ohrajn li jkun**

**qed jiggestixxu negozju ta' generu differenti minn dak tal-bejjiegh li jkun qed jigi processat.**

**Illi f'dan il-kaz japplikaw zgur l-afforizmi legali '*ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus*' u '*ubi lex voluit, dixit*' u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx taghmel din id-distinzjoni li ma tohrogx mil-ligi u li bhala konsegwenza taghha waslet biex illiberat lill-appellat mill-htija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni".**

F'dan is-sens ukoll huma s-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Caruana** u **Il-Pulizija vs Tommy (Thomas) Mifsud** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Jannar 2004.

Waqt it-trattazzjoni ta' l-appell, l-abbli difensur ta' l-appellat ilmenta minn diskriminazzjoni murija fil-konfront ta' l-appellat peress li dak li ghamel l-appellat huwa l-istess li jaghmlu tant bejjiegha ma' Malta kollha. Irid jinghad pero` li mis-sentenzi citati jirrizulta li l-fattispecje ta' dawk il-kawzi kienu identici ghall-fattispecje ta' din il-kawza. Difatti anke mix-xiehda traskritta ta' P.S. 585 (a fol. 4 tal-process) jidher li l-kawza kontra l-appellat odjern saret kontestwalment ma' dawk kontra l-imsemmijin Christopher Scembri, Joseph Caruana u Thomas Mifsud peress li x-xiehda tieghu nghatat fir-rigward ta' dawn l-erba' bejjiegha in konnessjoni ma' l-istess gurnata, post u hin. Jekk haddiehor ghadu ma tressaqx il-Qorti bl-istess akkuzi (haga din li ma gietx ippruvata) hija kwistjoni ta' inforzar mill-forzi ta' l-ordni pubbliku.

L-abbli difensur ta' l-appellat argumenta wkoll li l-ispirtu tal-ligi m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li qed ighid l-appellant. Pero` din il-Qorti kif presjeduta tosserva li taqbel perfettament ma' l-interpretazzjoni moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawzi fuq imsemmija u li hija l-unika interpretazzjoni li tista' tinghata lir-regolament fuq imsemmi. Sakemm il-ligi tibqa' kif issa redatta, kull bejjiegh fit-toroq irid josserva *ad litteram* kull kondizzjoni kontenuta fir-regolament numru 30 ta' l-imsemmi Avviz Legali 102 ta' l-2002.

Ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali huwa ben fondat u jimmerita li jigi milqugh, b'dan li, fic-cirkostanzi tal-kaz kif anke spjegati minn P.S. 585, il-piena inflitta ghandha tkun fil-minimu taghha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ammonizzjoni u riprensjoni u tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellat mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet u minflok issibu hati ta' l-istess zewg imputazzjonijiet u, wara li rat ir-regolamenti 30 (1)(c) u (e) u 50 ta' l-Avviz Legali numru 102 ta' l-2002 u l-artikolu 29 (a) ta' l-Att XXVII tal-2001 (Kap 441), tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' hamsin liri Maltin (Lm50) ghat-tieni imputazzjoni u ghall-hlas ta' *ammenda* ta' hamsin liri Maltin (Lm50) ghat-tielet imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------